**Abbozz tad-Diskors ta' l-Introduzzjoni tas-Senatur Clemente Mastella, Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Taljana, magħmul mill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, Tonio Borg, fl-okkazjoni tad-Diskors b'tifkira ta' Gorg Borg Olivier, fl-Auberge d'Aragon, fis-6 ta' Novembru 2006.**

Eċċellenza President tar-Repubblika, Onorevoli Prim Ministru, Onor. Ministru Mastella, Eċċellenzi Presidenti Emeriti, Onor. Ministri, Eċċellenza Ambaxxatur Trabalza, Mistednin Distinti, Sinjuri:

Bħala l-Ministru li llum jaħdem f'din il-Berġa, li għal tant snin serviet bħala l-uffiċċju tal-Prim Ministru Gorg Borg Olivier, hu l-pjaċir tiegħi li nospita serata dedikata għaċ-ċelebrazzjoni ta' missier Malta Indipendenti. Il-ħidma politika tiegħu u l-wirt li ħallielna dan l-istatista u patrijott Malti – l-emanċipazzjoni nazzjonali li avviċinatna aktar lejn il-qalba tal-ħajja politika u kulturali fl-Ewropa – għadha tmiss u tnebbaħ il-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin kollha.

Minħabba ix-xogħol politiku tiegħi, jien dan il-wirt ikolli okkazjoni ta' kuljum biex napprezzah, u biex inħoss ir-responsabbiltà tiegħu. Mhux biss għax bħala Viċi-Prim Ministru rrid nagħti sehemi biex l-indipendenza nazzjonali tagħna ngawduha u nharsuha. Iżda wkoll għaliex bħala Ministru responsabbli għal dak li jissejjaħ 'l-Intern', jien illum jeħtieġ li, f'isem il-poplu Malti, nagħti sehemi, flimkien mal-kollegi Ewropej, fil-ħarsien ta' l-Intern ta' l-Ewropa: ma nistax, fil-qadi ta' dmirijieti, fil-viżjoni ta' Borg Olivier li l-Indipendenza ta' Malta kellha sservi sabiex Malta ssib il-post xieraq tagħha fid-dar ta' l-Ewropa.

Fis-snin preċedenti, f'okkazjonijiet bħal din tal-lejla, smajna lil bosta kelliema distinti, nies li kienu jafuħ lil Borg Olivier, kif ukoll nies li studjawħ, jiddiskrivu ta' li għall-ewwel forsi jidher bħala l-paradoss ta' Borg Olivier: mexxej nazzjonali li rnexxielu jġib bidla radikali fil-pajjiż – iżda li għamel hekk waqt li kien iħaddan nazzjonaliżmu moderat, u politika moderata. Kien politiku li kien jagħti importanza kbira lill-għeruq ta' l-identità Maltija, iżda mhux b'nostalġija għall-passat imma għaliex ried li jagħtiha sura u ħajja moderna li jixirqilha.

Għalhekk jidhirli li wieħed mill-aħjar modi kif infakkruħ illum hu billi nqajmu mistoqsija li probabbilment kien jistaqsi hu li kieku kien għadu magħna: X'possibilitajiet hemm illum – u għada – għall-politika Ewropea moderata?

Qed ngħixu fi żmien fejn donnu min fiċ-ċentru qed jinġibed lejn estrem jew ieħor. L-attenzjoni tal-meżżi tax-xandir, iżda anki l-attenzjoni tagħna l-politiċi u ta' min jivvutalhom, xi kultant tidher maħkuma mill-estremiżmi – tax-xellug kif ukoll tal-lemin, tar-reliġjon kif ukoll tal-lajċiżmu.

Il-wirt tal-politika moderata Ewropea hu kbir, iżda hu wirt li nbena fl-epoka industrijali u tal-formazzjoni ta' l-Istat-Nazzjon. Illum, fl-epoka tal-globaliżżazzjoni, tal-komunikazzjoni elettronika, dan il-wirt kif għandu jkun żviluppat?

Huma mistoqsijiet importanti għall-futur tagħna. U għalhekk għandi l-pjaċir li magħna llum għandna protagonist tal-politika moderata Ewropea llum, li se jaqsam maghna r-riflessjonijiet tiegħu dwar il-

passat, il-preżent u l-futur ta' tradizzjoni politika importanti: dik tad-Demokrazija Kristjana.

Lis-Senatur Clemente Mastella, Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Taljana, għandi l-pjaċir nafu bħala kollega – kemm bħala Ministru kif ukoll fil-Partit Popolari Ewropew.

Il-karriera tas-Senatur Mastella hi karriera dedikata għall-politika taċ-ċentru – karriera li segwiha b'energija kemm mill-Oppożizzjoni kif ukoll mill-Gvern, kemm fl-Italja kif ukoll fl-istituzzjonijiet Ewropej.

Issieħeb fil-Partit Demokristjan Taljan ta' età żgħira. Sar deputat fil-Parlament Taljan fl-1976, ta' l-età ta' 29 sena. Bejn l-1999 u l-2004 kien ukoll deputat fil-Parlament Ewropew.

Okkupa karigi importanti fid-DC, kif ukoll fil-gvern: sottosegretarju tad-difiża fis-sitt u s-seba' gvernijiet immexxija minn Giulio Andreotti; membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Kostituzzjonali ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fit-tmien u fid-disa' gvernijiet Andreotti; u fl-għaxar leġiżlatura, kien membru tal-Kummissjoni tal-Kultura u l-Edukazzjoni.

Kien il-Ministru tax-Xogħol fl-ewwel gvern immexxi minn Silvio Berlusconi – kariga li fiha ħabrek sabiex jizviluppa politika li tindirizza sfidi kontemporanji u tal-futur; bħall-qagħad fin-Nofsinhar ta' l-Italja u l-problema tal-pensjonijiet sostenibbli u adegwati.

Bejn l-2001 u l-2006 kien il-viċipresident tal-Kamra tad-Deputati. U issa, mill-aħħar elezzjoni ġenerali 'l hawn, hu Senatur u Ministru tal-Ġustizzja.

Minn mindu tferraq il-Partit Demokristjan Taljan, fil-bidu tas-snin disgħin, is-Senatur Mastella ħadem sabiex l-espressjoni politika ċentrista fil-politika Taljana tibqa' qawwija. Illum hu l-kap tal-partit Popolari-UDEUR (Unjoni Demokratiċi għall-Ewropa).

Sinjuri, għandi l-pjaċir kbir nistieden lis-Senatur Clemente Mastella biex jagħmel id-Diskors Borg Olivier ta' dis-sena.

*Senatore Mastella, è con grande onore e piacere che La invito di fare il Suo discorso.*